SPECIFIC LEARNING DIFFICULTIES SERVICE, TRIQ SARRIA, FLORIANA FRN 1460

Tel No 21 234 965

Għeżież ġenituri,

Il-librerija tal-SpLD toffri firxa wiesgħa ta' kotba fuq bosta suġġetti mmirati għal studenti ta' etajiet differenti.

Se jerġgħu jsiru sensiela ta' attivitajiet għall-ġenituri li jixtiequ jkunu jafu aktar kif jistgħu jgħinu lit-tfal tagħhom fil-qari. Waqt dawn l-attivitajiet il-ġenituri se jingħataw informazzjoni dwar strateġiji differenti ta' qari filwaqt li jkollhom il-possibilità li jippruvaw xi materjal.

Dawn li ġejjin huma l-attivitajiet ippjanati għall-ewwel term:

| Data | Ħin | Miri |
|---|---|---|
| **Il-Ħamis 6 ta' Novembru 2014** | 9.30a.m. - 10.30a.m.<br>**jew**<br>5.30p.m. - 6.30p.m. | 1. *<u>Tnedija tal-attivitajiet tal-librerija</u>*<br>▪ x'tip ta' kotba nista' nsib f'din il-librerija?<br>▪ liema huwa l-aħjar livell għat-tifel/tifla tiegħi? |
| **It-Tlieta 18 ta' Novembru 2014** | 9.30a.m. - 10.30a.m.<br>**jew**<br>5.30p.m. - 6.30p.m. | 2. *<u>Qari flimkien (Paired Reading)</u>*<br>▪ x'inhu l-qari flimkien (*paired reading*)?<br>▪ ma' min jista' jsir?<br>▪ x'vantaġġi joffri?<br>▪ meta u kif għandu jsir?<br>▪ kif għandi nagħżel ktieb? |
| **Il-Ħamis 27 ta' Novembru 2014** | 9.30a.m. - 10.30a.m.<br>**jew**<br>5.30p.m. - 6.30p.m. | 3. *<u>Il-qari u t-Teknoloġija tal-Informatika</u>*<br>▪ kif tista' t-Teknoloġija tal-Informatika tgħin biex jitjieb il-qari?<br>▪ x'inhuma l-vantaġġi?<br>▪ kif għandi nagħżel websajt tajba li tgħin fil-qari? |
| **It-Tlieta 9 ta' Diċembru 2014** | 9.30a.m. - 10.30a.m.<br>**jew**<br>5.30p.m. - 6.30p.m. | 4. *<u>X'jiġi wara l-qari flimkien?</u>*<br>▪ x'tip ta' attivitajiet nista' nagħmel wara sessjoni ta' qari?<br>▪ kif nista' nkejjel il-progress?<br>▪ Kif inkun naf li t-tifel/tifla lesta għal-livell tal-qari li jmiss? |

**<u>Kif nista' nattendi?</u>**

Jekk tixtieq tattendi għal xi attività msemmija hawn fuq, nitolbuk timla l-applikazzjoni mehmuża u tibgħatha b'mod elettroniku lil antonia.abela@ilearn.edu.mt jew marisa.bonello@ilearn.edu.mt u tindika liema attività/attivitajiet tixtieq tattendi u f'liema ħinijiet. L-applikazzjoni tista' wkoll tintbagħat bil-posta fl-indirizz li ġej:

SpLD Service
Triq Sarrija
Il-Furjana FRN 1460

**F'każ ta' xi diffikulta' tistgħu wkoll tikkuntattjawna fuq in-numru tat-telefown 21234965.**

Ninkuraġġukom tipparteċipaw f'dawn l-attivitajiet u tagħmlu użu sħiħ mis-servizzi li qed noffrulkom.

Tislijiet,

Dr Christine Firman
Uffiċjal Edukattiv